**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 295/2016**

***PERIT JOSEPH GRECH***

***VS.***

***ANTHONY MIFSUD F'ISMU PROPRIO U BĦALA MANDATARJU TA' ĦUH L-ASSENTI ALBERT MARIO MIFSUD U GĦAN-NOM TA' PATRICK JOSEPH MIFSUD, MICHAEL MIFSUD, VICTOR MIFSUD, ROCCO CAMILLERI, ELAINE CAMILLERI U ALISON CATHERINE MART ALAN AZZOPARDI, DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU U B'DIGRIET TAS-26 TA' MEJJU, 2016 ĠEW KJAMATI FIL-KAWŻA STEFAN MIFSUD, KLAUS MIFSUD, THERESA CAROLINA FUCHS, JOSPEHINE MIFSUD, MARK MIFSUD, MARIKA MIFSUD, ANTHONY MIFSUD U MARY ROSE HINDER U B'DIGRIET TAL-1 TA' FRAR, 2017 IL-KJAMAT IN KAWŻA ANTHONY MIFSUD ĠIE ESTROMESS U B'DIGRIET TAD-9 TA' MARZU, 2017 L-ATTI TAL-KAWŻA ĠEW TRASFUŻI F'ISEM STEFAN MIFSUD WARA L-MEWT TAL-KJAMATA FIL-KAWZA THERESA CAROLINA MIFSUD NÈE FUCHS LI MIETET FIL-MORI TAL-KAWŻA***

**Il-Qorti:**

1. Rat li din il-qorti kienet waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru, 2021, tat digriet li permezz tiegħu ħalliet il-kawża *sine die*, bl-effetti kollha msemmija fl-**artikolu 964 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Tqis li skont l-**artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, kawża differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju li ssemmi l-liġi (ara ***Edith Cachia et v. Mary***

***Grech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2022 u ***Francis Zammit noe v. Almeco Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April, 2013);

3. Tqis li wara l-emendi miġjuba bl-**Att XXXII tal-2021**, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2021 b'riħet l-**Avviż Legali 315 tal-2021**, it-terminu perentorju li fih wieħed jista' jitlob skont l-**artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex kawża mħollija *sine die* terġa' tiġi appuntata mill-ġdid ġie mnaqqas minn sitt xhur għal tliet xhur;

4. Tqis li din il-qorti ma waslitilha l-ebda talba f'dawn it-tliet xhur mill-aħħar seduta tal-15 ta' Novembru, 2021, sabiex hija terġa' tappunta din il-kawża mil-ġdid;

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda tiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk tordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tagħha.**

**Digriet mogħti llum, nhar l-Erbgħa, 16 ta' Frar, 2022.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**